# TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

## DECIZJONI NRU. 24/78

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Mario Sultana
u
Messrs Woodware Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Chairman : G.A. Craig

Data : 1 ta' Settembru 1978

B'ittra tat-2 ta' Lulju 1978, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferiet lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Mario Sultana mill-Kumpanija Messrs. Woodware Ltd., tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

It-Tribunal zamm erba' seduti li fihom deher ghall-appellant Mario Sultana, is-Sur Albert Tabone, filwaqt li ghall-Kumpanija Messrs Woodware Ltd. deher is-Sur Laurence Vella, il-Managing Director tal-Kumpanija. F'dawn is-seduti instemghu bhala xhieda, l-appellant Mario Sultana, Laurence Micallef, Joe Fabri u Francis Cassar ghall-appellant, waqt li ghall-Kumpanija xhedu s-Sur Joe Tanti u Laurence Vella. L-appellant tkecca mill-Kumpanija Woodware Ltd. ghax kellu fuqu sulfarini f'post fejn kien projbit li ggor sulfarini jew isir titjip.

/.....

<u>Statement of Case</u> - Fl-istatement of case ghall-appellant is-Sur Albert Tabone sostna li l-appellant tkecca ghax kellu kaxxa sulfarini fuqu f'post fejn hadd ma seta' jpejjep - fil-fatt ma kellu ebda sigaretti fuqu u ghalhekk ma seta' b'ebda mod ipejjep. Sostna wkoll li l-ordni kienet li ma jidhlux sigaretti fli'spraying room' u l-appellant obdieha din l-ordni ghax halla s-sigaretti isfel. Zied jghid ukoll li din l-ordni kellha tigi applikata ghal kulhadd u mhux ghall-appellant biss u dan il-fatt jitfa dubbju serju fuq l-iskop ta' din l-ordni li nghatat lill-appellant, izda jibqa' l-fatt li l-appellant obda l-ordni li nghatatlu. Anki kieku kien hemm ksur ta' din l-ordni setghu jittiehdu passi dixxiplinarji ohra izda mhux il-pass estrem tat-tkeccija li ghandu jittiehed bhala l-ahhar pass wara li l-ufficjal ikun gie avzat u mwissi u din it-twissija ma tkun serviet ghal xejn.

Is-Sur Laurence Vella ghall-Kumpanija qal li l-appellant kien jahdem f'fabbrika li timmanifattura l-injam u kellu xoghol tal-lostru f'parti maqtugha ghaliha tal-hgieg ghax is-sistema kienet bl-ispray li hija 'highly inflammable' u ghaldaqstant din il-parti maqtugha ghaliha kienet 'no smoking area' indikata b'diversi tabelli "No Smoking" biex jevitaw hruq bhal ma kien gara f'zewg okkazzjonijiet. Kien ghalhekk li l-Management jittratta dan ir-regolament bis-serjeta' b'mod specjali waqt l-uzu ta' li spray. Qal li fl-l ta' Marzu 1978, l-Assistant Production Manager qabad lill-appellant ipejjep fl-Area tal-ispray u wissih verbalment. Sussegwentement gie mwissi bil-miktub mill-Managing Director quddiem ix-xhud mhux biss biex ma jpejjipx izda anqas ma seta' jgorr sigaretti jew sulfarini fl-ispraying area. Minkejja din it-twissija inqabad l-ghada bis-sulfarini fil-but. Ghalhekk il-Management kellu ta' bil-fors jiehu azzjoni serja ghax l-appellant wera li ma tax kaz tat-twissijiet bil-fomm u bil-miktub u li d-ditta ma setghetx

/.....

tippermetti persuni irresponsabbli fl-impieg taghha li jipperikolaw mhux biss id-ditta imma anke l-impjegati l-ohra.

Dokumenti esibiti -

Kopja ta' statement bid-data tas-6 ta' Marzu 1978 iffirmat mill-Managing Director u mill-Assistant Production Manager.

Xhieda fil-qosor - L-Appellant Mario Sultana qal li verbalment kien gie mwissi biex ma jpejjipx izda li kienet l-usanza li ma jsirx tipjiep biss waqt l-ispraying. Hu semma lil min kien jara ipejjep fl-ispraying room, inkluz il-Managing Director u l-Foreman, imma mhux waqt l-ispraying. Qal ukoll li hadd ma kien qallu biex ma jpejjipx izda kien hemm avvizi ta' 'No smoking' imwahhla li hu kien johodhom bhala ordnijiet biex ma jsirx titjip waqt l-ispraying. Rega' cahad li xi hadd kien qallu fuq it-tipjip izda qal li "dak in-nhar tela' Lorry Vella (il-Managing Director) u qalli "qis li ma tpejjipx waqt li spraying." Ghamel enfasi li bil-miktub hadd ma tah ebda notice izda bil-kliem qalulu "jekk ittella sigaretti inkeccuk il-barra" u li hu ma kellux sigaretti ghax hu kien hallihom isfel. Hu pero' kien ipejjep waqt li jixkatla.

Laurence Micallef - qal li kien jahdem ma l-appellant. Qal li kien ipejjep u gieli pejjep fl-'ispray room' izda ccara li hadd ma seta' jpejjep fuq fil-kamra waqt li xi hadd kien qed jisprejja. Hu qal li ma jafx li qatt ra l-Managing Director jew lil xi hadd iehor ipejjep hemm u hu kien tal-fehma li ma setghux itellghu la sigaretti u anqas sulfarini fl-ispraying room ghaliex kien hemm il-periklu ta' hruq. Fuq mistoqsija tar-rapprezentant tal-Kumpanija, ix-xhud ftakar li l-appellant kien qed ipejjep meta rah Joe Tanti, li l-Managing Director mar ikellimhom u twissihom li kienu qed jabbuzaw imhabba nuqqas ta' sorveljanza u ftakar ukoll

/.....

li l-Managing Director awissihom kemm fuq is-sigaretti u kemm fuq is-sulfarini.

Joe Fabri - qal li hu gieli ra lill-appellant ipejjep fil-kamra ta' l-ispray u anke lill-Lorry Micallef imma lil hadd izjed u qal li l-appellant kien ipejjep meta jkun jixkatla.

Joe Tanti - Ftakar li kien tela' fl-ispraying area u qabad lill-appellant ipejjep u jidhirlu li l-appellant kellu l-ispraying gun f'idu. Fakkar lill-appellant li ma setax ipejjep u l-iehor wiegbu :"jien qieghed inpejjep ghaliex mhux nisprejja." Ix-xhud wissih li'hawnhekk mhux suppost tpejjep u sakemm tnewwel siggu (ghall-ispray) xorta wahda' u tah warning u irraporta l-kaz lill-Manager. Qal li dak in-nhar ukoll wissa lill-appellant biex ma jzommx 'la sigaretti u l-anqas sulfarini' Ftakar ukoll li l-ghada ta' l-incident sejhu l-appellant fl-ufficcju u tawh warning bil-miktub (kopja esibita) li ma setax ipejjep u l-anqas itella sulfarini - il-warning qrawulhu u tawh kopja tieghu. Ix-xhud ma kellu ebda dubbju fuq dan.

Francis Cassar - qal li hu darba riedu jtuh twissija bil-miktub, ghamlulu statement biex jiffirmah izda hu ma ffirmahx, ghax hass li kellhu raguni, allura mar il-Labour Office u tawh parir biex jirranga ghax kienet haga zghira.

Laurence Vella - Il-Managing Director tal-Kumpanija qal li meta Joe Tanti qallu lill-appellant ipejjep waqt li kien jisprejja hadha bi kbira, tela' jkellem lill-appellant u qallu anki fuq is-sulfarini, l-ghada irripetilu dan il-warning u xi jumejn wara qrawlu l-warning (kopja esibita) quddiem ix-xhieda u tawh kopja ta' l-istess warning. Spjega li dawn l-ahhar sentejn m'ghadhomx jiehdu l-firma ta' min ikun ircieva l-warning imhabba l-antagonismu li kienet

tiggenera din il-haga izda qed jinghata l-warning quddiem xhieda. Dik in-nhar li gie mkecci l-appellant hu tela' biex jaghti daqqa t'ghajn ix-xoghol, issuspetta li l-appellant kellhu xi haga fil-but, staqsieh x'kienet u l-appellant qallu li kienu sulfarini. Meta qallu lill-appellant li kellhu l-warning dan wiegbu li ma kienx jaf li dak il-warning kien japplika ghas-sulfarini. Hu dak il-hin keccieh minnufih.

Sottomissjonijiet finali - Is-Sur A. Tabone ghall-appellant qal li l-haddiem tkecca ghax kellu kaxxa sulfarini fil-but, f'post li ma setax isir tipjip. Kien minnhu li kien hemm tabelli li jindikaw li ma setghax isir tipjip u dan ma jichdu hadd u inqas ma jichad li l-appellant fl-l ta' Marzu gie mwissi bil-fomm biex ma jpejjipx fil-kamra ta' l-ispray." Izda apparti minn xi dubbju li kien hemm fix-xhieda jekk tabilhaqq issemmewx sulfarini barra sigaretti, il-fatt li tkecci bniedem ghax kellu sulfarini biss ma taghmilx sens ghax il-periklu msemmi mill-Management seta' esista biss f'sigarett imqabbad izda zgur li l-ebda haddiem ma kien ser joqghod iqabbad is-sulfarini ghal xejn b'xejn. Fuq kollox l-involut mhux bniedem irresponsabbli.

Is-Sur Tabone sostna wkoll li kien hemm nuqqas ta' qbil fix-xhieda dwar il-mod kif inghatat it-twissija. L-involut cahad kategorikament li qatt inghatatlu twissija bil-miktub u cahad ukoll li qatt inqratlu u dan hu korroborat mill-fatt li ghal haga li saret fl-l ta' Marzu din it-twissija, kif qal il-Management, inqratlu fis-6 ta' Marzu u mhux dak in-nhar jew l-ghada. Dan id-dokument tat-twissija li kien esibit mill-Management kellu d-data tas-6 ta' Marzu , lejliet it-tkeccija ta' l-involut. Il-qosor tat-twissija kien bizzejjed biex setghet saret qabel ghax setghet inkitbet f'mument wiehed. Irbatta l-pont li tkeccija m'ghandhix issir fuq l-inqas pretest. Hemm mizuri dixxiplinari ohra li wiehed seta' jiehu qabel ma jasal ghall-piena harxa tat-tkeccija. Anki kieku dak kollu li qal il-Management kien

/6......

veru dan kien l-ewwel dnub wara t-twissija u fuq l-ewwel dnub zgur ma kellhux ikun hemm tkeccija.

Is-Sur Laurence Vella, ghall-Kumpanija qal li mix-xhieda irrizulta li l-appellant injora t-twissija lilu moghtija mill-Management biex ma jpejjipx u biex ma jgorrx sigaretti u sulfarini fuqhu fil-post fejn kien "No smoking area". Irrizulta wkoll wara li l-appellant gie mwissi bil-fomm talli nqabad ipejjep, ftit jiem wara gie mwissi bil-kitba wkoll u ghalkemm kopja ta' din it-twissija ma gietx iffirmata, ghax kien instab li meta l-haddiema jigu biex jiffirmaw, beda jinholoq certu antagonismu li huma xtaqu jevitaw halli dejjem izommu relazzjonijiet tajba, pero' kopja ta' din it-twissija inghatat lill-appellant. F'din it-twissija kienet maghmula cara li ma setax itella sigaretti u sulfarini. Dawn il-mizuri kienu mehtiega ghaliex fil-fabbrika kien hemm ga zewg incidenti ta' hruq u kien ghalhekk li l-Management kellu ta' bil-fors jaghmel dixxiplina stretta ghax altrimenti seta' jinqala' xi ncident li jkollu konsegwenzi serji. Fuq kollox sostna is-Sur Laurence Vella, bit-twissijiet kollha l-appellant ma giex imkecci meta nqabad ipejjep izda gie moghti twissija u tkecca meta "baqa' jippersisti u ma jobdix l-istruzzjonijiet tal-Management."

<u>Konsiderazzjonijiet tat- Tribunal</u> - It-Tribunal jiehu dejjem in konsiderazzjoni dak li jirrizulta mill-provi u dak li jisma fuq il-meritu tal-kaz. Mill-kompless tax-xhieda jirrizulta li l-appellant inqabad ipejjep fin-Non Smoking Area u gie mwissi bil-fomm u wara xi granet ghalkemm l-appellant jichdu dan, anki bil-kitba. Jirrizulta wkoll li kien projbit il-garr ta' sigaretti u sulfarini imhabba l-perikolu u r-riskju u dan kien jafu l-appellant u ma jistax jghid li ma kienx. Issa dik in-nhar li gie mkecci hu kellu fuqu sulfarini biss u s-sigaretti hallihom isfel, sinjal car li dan ma kellhux f'rasu li jpejjep u zgur wiehed

ghandu jassumi li ma kellux f'rasu jaghmel xi hruq. Il-Kumpanija qalet li l-appellant "gie licenzjat biss meta baqa' jippersisti u ma jobdix l-istruzzjonijiet tal-Management." Minn naha l-ohra l-assistent ta' l-appellant irritena li dan "ha l-kawtela li jnehhi s-sigaretti u l-kaxxa(tas-sulfarini) nsiha," mhux haga li ma tigrix kultant anki lil min hu attent hafna. Dan it-Tribunal dejjem sostna kemm hi haga gravi t-tkeccija ta' haddiem, u wiehed qabel ma jasal ghal dan il-pass estrem ma ghandux jasal ghalih b'ghaggla izda ghandu dejjem jahsibha sew. Il-General Manager fix-xhieda tieghu qal li kif sablu kaxxa tas-sulfarini'keccejtu there and then'. Issa hadd ma kien ilumu li jaghmel hekk kieku mas-sulfarini sablu wkoll is-sigaretti ghaliex kieku kien hekk lill-wiehed li jpejjep it-tentazzjoni setghet teghlbu izda meta ma kellhux sigaretti dan ma setax bl-ebda mod ipejjep, u l-fatt li kien halla s-sigaretti isfel juri li l-appellant ma kellux l-intenzjoni jiddisubbedixxi l-ordnijiet, izda tort li ma hax il-prekawzjonijiet kollha kellu wkoll. Is-Sur Tabone qal tajjeb hafna li f'cirkostanzi bhal dawn kien hemm mizuri ohra ta' dixxiplina serja li setghu jittiehdu izda zgur mhux ta' tkeccija u fuq dan it-Tribunal jaqbel.

Award

Ghal dawn ir-ragunijiet u l-aspetti kollha tal-kaz it-Tribunal jordna li d-ditta Wood Ware Ltd. terga' tiehu lura fl-impieg li kellhu lill-appellant Mario Sultana minn nhar it-Tnejn 4 ta' Settembru 1978, bl-istess kondizzjonijiet li kellu qabel is-7 ta' Marzu 1978. Iz-zmien bejn is-7 ta' Marzu 1978 u l-4 ta' Settembru 1978, jitqies bhala perijodu ta' sospensjoni minghajr hlas.

G.A. CRAIG
Chairman

S. GRECH
Segretarju

em